MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 256/2002/1

**Rikors numru 256/02DM**

Equipment Hire Limited

**Vs**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' Lm2201.87 (elfejn mitejn u wiehed liri Maltin u seba' u tmenin centezmu) dovuti mill-konvenut rapprezentanti prezz ta' kiri ta' ghodda illi l-istess konvenut kera minghand l-istess socjeta attrici, u dan fuq inkariku tieghu stess.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tat- 8 ta' Novembru 2000 u bl-imghaxjiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-kuntratt relativ u cioe mit-13 ta' Frar 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2201.87 (elfejn mitejn u wiehed liri Maltin u seba' u tmenin centezmu) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit- 13 ta' Frar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.